Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 59/2017

**GasanMamo Insurance Limited hekk kif surrogata fid-drittijiet tal-assikura taghha Emanuel Joe Charles Baldacchino u l-istess Emanuel Joe Charles Baldacchino** **(appellati)**

**Vs**

**Fogg Insurance Agencies Limited bhala agenti tas-socjeta estera Argus Insurance Company (Europe) Limited, u bhala l-assikuratrici tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni XRA 810 u gie msejjah fil-kawza Henry Anthony Catania** **(appellant)**

23 ta' Ottubru, 2018.

1. Il-kawza hi dwar incident tat-traffiku li sehh fis-16 ta' Gunju, 2008 fi Triq Sir Ugo Mifsud, Ta' Xbiex bejn il-vettura SWT 187 li kien qeghda ssuq Daphne Jo Baldacchino u l-vettura XRA 810 li kien qieghed isuq l-imsejjah fil-kawza Henry Anthony Catania.

2. B'decizjoni tat-18 ta' Ottubru, 2017 it-Tribunal tal-Arbitragg iddecieda li l-incident sehh tort ta' Henry Anthony Catania, u kkundannah ihallas danni fl-ammont ta' €7,042.85 bl-imghax mill-1 ta' Gunju 2009 (data meta nbdew il-proceduri ta' arbitragg).

3. Catania appella mid-decizjoni. L-aggravji jkunu:

   i. Apprezzament hazin tal-fatti.
   ii. Dwar l-imghax u l-ispejjez, meta tqies il-perjodu twil li fih il-partijiet kellhom jistennew ghad-decizjoni.

4. Il-qorti qrat l-atti.

5. Il-vettura tal-appellant kienet ghaddejja minn triq sekondarja. Fil-fatt harget minn fuq *stop sign*. Hu stess iddikjara li waqaf, ma ra lil hadd, u x'hin qala' fuq il-first baqghet diehla fih il-vettura SWT 187.

6. Is-sinjal "Stop" fit-triq minn fejn kienet ghaddejja l-vettura tal-appellant, hi fiha nnifisha presunzjoni ta' htija tieghu. It-triq minn fejn harget il-vettura SWT 187 hi dritta xemgha. Ghalhekk kieku Catania kien verament qieghed izomm 'proper lookout' kellu jara l-vettura l-ohra gejja minn fuq ix-xellug tieghu.

7. Is-sinjal 'STOP' hu car. F'dik il-parti tat-triq l-appellant kellu l-obbligu li jieqaf. Kif qal it-Tribunal kellu l-obbligu li, *"jibqa' wieqaf sakemm ikun cert li seta' jinvadiha; illi jzomm kemm jista' jkun lejn ix-xellug tal-bokka; u li jzomm a proper lookout ghat-traffiku li kien gej mit-through road"*.

8. L-appellant kien ghalhekk *a main road abuser*, u kif qal it-Tribunal kien *"jinkombi fuq il-kjamat in kawza illi jgib prova adegwata li l-kawza prossima tal-kollizjoni kienet ghal kollox jew in parti dovuta ghan-negligenza fis-sewqan tal-main road user"*.

9. L-appellant qieghed isostni li l-vettura l-ohra kienet qeghda tinstaq b'velocita eccessiva. Pero' hu stess iddikjara li qabel l-impatt ma rax il-vettura l-ohra. L-entita tal-hsara mhijiex fiha nnifisha prova ta' velocita eccessiva jew li kien is-sewqan ta' Baldacchino li wassal ghall-incident meritu tal-kawza. Inoltre, l-incident gara mhux minhabba l-velocita tal-vettura li kienet qeghda ssuq Baldacchino, izda minhabba li Catania hareg minn fuq Stop sign meta kien hemm ghaddejja vettura minn triq principali u li kienet *in plain view* tal-utent tat-triq sekondarja.

10. Fir-rikors tal-appell ma sarux argumenti li jikkonvincu lill-qorti li t-Tribunal kellu bilfors jiddeciedi li l-htija ghall-incident jew parti mill-htija kienet ta' Baldacchino. Kien l-appellant stess li qal li ma rax il-vettura l-ohra. Prova fiha

nnifisha li ma kienx qieghed izomm *a proper lookout*. Ladarba s-sewqan tal-appellant kien l-element determinati li pprovoka l-incidenti, m'ghandux ragun fl-ilment tieghu (ara sentenza tal-Prim'Awla **Giulio Zammit vs Simone Camilleri** tal-10 ta' Ottubru, 2001).

11. Ghal dak li jirrigwarda l-aggravju dwar l-ispejjez u l-imghax, dan ukoll hu minghajr bazi. Il-fatt li t-Tribunal tal-Arbitragg dam biex jaghti decizjoni m'ghandux jippregudika lir-rebbieh. Id-dritt ghall-imghax u spejjez ma jiddependix mid-dewmien sabiex tinghata d-decizjoni finali. Wara kollox l-imghax hu parti mill-hsara ghaliex id-danneggati kellhom jaghmlu uzu mill-flus taghhom sabiex isewwu l-hsara fil-vettura. Ir-riferenza ghas-sentenza li tissemma f'paragrafu (4) tat-twegiba li pprezentat Argus (fol. 21), ma kellha x'taqsam xejn mal-hlas ta' imghax u ghalhekk hi riferenza rrilevanti.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kollha kontra l-appellant James Henry Anthony Catania.**

Anthony Ellul.